KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fil-15 ta' April 2021 [1]

Kawża C-65/20

VI
vs
KRONE – Verlag Gesellschaft mbH & Co KG

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija))

(Talba għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 85/374/KEE – Responsabbiltà għall-prodotti – Kunċett ta' "prodott difettuż" – Kopja fiżika ta' gazzetta ta' kuljum li fiha parir dwar is-saħħa skorrett)

I. Introduzzjoni

1. Fejn gazzetta ta' kuljum tippubblika parir dwar is-saħħa skorrett f'artiklu ta' kuljum miktub minn awtur ta' gazzetta indipendenti, tista' dik il-gazzetta titħarrek fuq il-bażi li hija qasmet prodott difettuż fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE [2] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti") meta qarrejja tal-gazzetta sussegwentement tiddikjara li hija sofriet danni fiżiċi b'konsegwenza ta' dak il-parir? Din, essenzjalment, hija l-kwistjoni ġdida li tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti li tqajmet minn dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija).

2. Qabel ma nirritorna, madankollu, għall-fatti u għall-kwistjonijiet legali speċifiċi, huwa neċessarju l-ewwel li jiġi stabbilit l-isfond leġiżlattiv rilevanti.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 257), kif emendata bid-Direttiva 1999/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 1999 (ĠU 1999 L 141, p. 20).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti

3. L-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-sitt premessa tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti huma mfassla b'dan il-mod:

"Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà tal-produttur għall-ħsara kkawżata mid-difetti tal-prodotti tiegħu hija meħtieġa minħabba d-diverġenzi preżenti li jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-moviment tal-prodotti fis-suq komuni u jinvolvu livell differenti ta' protezzjoni tal-konsumatur kontra ħsara kkawżata minn prodott difettuż għal saħħtu jew lil proprjetà tiegħu;

[…]

Billi responsabbiltà mingħajr ħsara għandha tapplika biss għall-mobbli li kienu manifatturati industrijalment; billi, bħala riżultat, huwa xieraq li teskludi responsabbiltà għall-prodotti agrikoli u kaċċa, bl-eċċezzjoni fejn ikunu għaddew minn proċess ta' natura industrijali li seta' kkawża difett f'dawn il-prodotti; billi r-responsabbiltà li hemm ipprovdut dwarha f'din id-Direttiva għandha wkoll tapplika għall-mobbli li jintużaw fil-bini ta' immobbli jew li jkunu stallati fl-immobbli;

Billi l-protezzjoni tal-konsumatur tirrikjedi li l-produtturi involuti kollha fil-proċess ta' produzzjoni għandhom jinżammu responsabbli, kemm-il darba l-prodott finalizzat, parti komponenti jew kull materja prima tagħhom fornuta minnhom kienet difettuża; billi, għall-istess raġuni, responsabbiltà għandha testendi għall-importaturi ta' prodotti fil-Komunità u għall-persuni li jippreżentaw lilhom infushom bħala produtturi billi jwaħħlu isimhom, *trade mark* jew kull karatteristika distintiva oħra jew li jipprovdu prodott li l-produttur tiegħu ma jistax jiġi identifikat;

[…]

Billi, sabiex jipproteġi l-benesseri fiżiku u l-proprjetà tal-konsumatur, id-difett fil-prodott għandu jiġi stabbilit b'riferenza mhux għal kemm huwa adattat biex jintuża imma għan-nuqqas ta' sigurtà li l-pubbliku in ġenerali huwa intitolat li jistenna; billi s-sigurtà tiġi stmata billi teskludi kull użu ħażin tal-prodott li ma jkunx raġonevoli fiċ-ċirkustanzi; […]"

4. L-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti fih ir-regola ġenerali li l-produttur għandu jinżamm responsabbli għal ħsara kkawżata minn difett fil-prodott tiegħu.

5. L-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti jiddefinixxu t-termini "prodott" u "produttur" u jiddefinixxu min għandu jiġi kkunsidrat li "jitqies […] produttur" taħt id-direttiva. Huma jipprevedu kif ġej:

"Artikolu 2

Għall-fini ta' din id-Direttiva 'prodott' tfisser il-mobbli kollha, minbarra l-prodotti agrikoli naturali u prodotti tal-kaċċa, anke jekk magħquda f'mobbli jew f'immobbli oħra. 'Prodotti agrikoli

naturali' jfissru l-prodotti mir-raba', mit-trobbija tal-bhejjem u sajd, esklużi prodotti li jkunu għaddew minn ipproċessar inizjali. 'Prodott' jinkludi l-elettriku.

Artikolu 3

1. 'Produttur' tfisser manifattur ta' prodott lest, il-produttur ta' kull materja prima jew il-manifattur ta' parti komponenti u kull persuna li, billi tqiegħed isimha, l-marka tan-negozju tagħha jew fattur distintiv ieħor fuq il-prodott tippreżenta lilha stess bħala l-produttur tiegħu.

2. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-produttur, kull persuna li timporta fil-Komunità prodott għall-bejgħ, kiri, jew kull forma oħra ta' distribuzzjoni fil-kors tan-negozju tagħha titqies bħala produttur skond it-tifsira ta' din id-Direttiva u tkun responsabbli bħala produttur.

[…]"

6. L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti jiddeskrivi x'inhu meqjus li huwa difett għall-għanijiet tad-direttiva. L-ewwel paragrafu tiegħu jipprevedi:

"Prodott ikun difettuż meta ma jipprovdix is-sigurtà li persuna tkun intitolata li tistenna, waqt li tikkunsidra ċ-ċirkustanzi kollha, inklużi:

(a) il-preżentazzjoni tal-prodott;

(b) l-użu li għalih wieħed jista' raġjonevolment jistenna li jitqiegħed il-prodott;

(ċ) iż-żmien meta l-prodott ikun tqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni.

[…]"

B. Id-dritt Awstrijak

7. Il-paragrafu 1 tal-Bundesgesetz vom 21. Jänner 1988 über die Haftung für ein fehlerhaftes Produkt (Produkthaftungsgesetz) (l-Att Federali tal-21 ta' Jannar 1988 dwar ir-Responsabbiltà għal Prodott Difettuż, iktar 'il quddiem l-"Att dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti")[3] jipprevedi:

"(1) Jekk minħabba d-difett ta' prodott, persuna tinqatel, issofri dannu fuq il-persuna jew fuq is-saħħa tagħha, jew jekk isir dannu fuq xi proprjetà tanġibbli minbarra l-prodott, l-entitajiet li ġejjin huma responsabbli li jikkumpensaw għal dak id-dannu:

1. l-imprenditur li minnu ġie prodott u mqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni,

[…]"

[3] BGBl. Nru 99/1988, kif emendat l-aħħar bil-BGBl. I Nru 98/2001.

8. Il-paragrafi 3, 4 u 5 tal-Att dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti jiddefinixxu l-produttur, il-prodott u l-kunċett ta' prodott difettuż rispettivament. Dawn id-dispożizzjonijiet huma mfassla kif ġej:

"§3. It-terminu 'produttur' (Paragrafu 1, subparagrafu 1, punt 1) ifisser il-persuna li mmanifatturat il-prodott lest, materja prima jew parti komponenti, kif ukoll kull min jippreżenta lilu nnifsu bħala produttur billi jwaħħal ismu mal-prodott, *trade mark* jew marka distintiva oħra.

§4. It-terminu 'prodott' ifisser kull proprjetà tanġibbli mobbli anki jekk hija parti minn proprjetà mobbli oħra jew magħquda ma' proprjetà immobbli, inkluż l-enerġija.

§5. (1) Prodott għandu jitqies difettuż jekk huwa ma jipprovdix is-sigurtà, li, meta jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha, tista' titqies raġonevolment mistennija, b'mod partikolari fir-rigward ta':

1. il-preżentazzjoni tal-prodott,

2. l-użu li għalih wieħed jista' raġonevolment jistenna li jitqiegħed il-prodott,

3. iż-żmien meta l-prodott ikun tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni.

[…]"

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9. Il-kwistjoni tqajmet bil-mod segwenti. Il-konvenuta hija l-proprjetarja[4] u (skont id-dikjarazzjoni tagħha) pubblikatur ta' edizzjoni reġjonali tal-*Kronen-Zeitung*, gazzetta popolari ma' forsi l-ikbar ċirkulazzjoni ta' kwalunkwe gazzetta "tabloid" fl-Awstrija. Fil-31 ta' Diċembru 2016 il-gazzetta ppubblikat artiklu taħt l-intestatura "Hing'schaut und g'sund g'lebt" ("Nagħtu ħarsa u ngħixu b'mod san") minn "Kräuterpfarrer Benedikt" ("Erbalista qassis Benedikt") intitolat "Schmerzfrei ausklingen lassen - Eine Auflage aus geriebenem Kren" ("Spiċċa [s-sena] mingħajr uġigħ – applika saff għerq il-mustarda [horseradish] maħkuk").

10. L-artiklu rilevanti kien jaqra kif ġej:

"Taffi l-uġigħ rewmatiku

Għerq il-mustarda frisk maħkuk oħxon jista' jgħin sabiex inaqqas l-uġigħ li wieħed iħoss minħabba r-rewmatiżmu. L-ewwel, ogħrok żejt veġetali xaħmi jew xaħam fuq iż-żoni affettwati qabel ma tapplika saff għerq il-mustarda maħkuk fuqhom u agħfas fuqhom. Tista' tħalli dan is-saff bejn sagħtejn u ħames sigħat qabel ma tneħħih. L-applikazzjoni tiegħu jkollha effett pożittiv ta' tbattil."

11. Skont il-qorti tar-rinviju, il-ħin tat-trattament għall-applikazzjoni tal-għerq il-mustarda indikat fl-artiklu huwa żbaljat: kellu fil-fatt jispeċifika li l-qarrejja huma mogħtija l-parir sabiex japplikawh għal bejn żewġ u ħames *minuti* aktar milli għal bejn sagħtejn u ħames *sigħat*. L-artiklu inkwistjoni nkiteb minn qassis monastiku li huwa membru ta' ordni reliġjuża. Huwa ħa l-isem ta'

[4] 'Medieninhaber' skont il-paragrafu 1(1)(8) tal-Bundesgesetz über die Presse und andere publizistische Medien (il-Liġi Federali dwar l-Istamp u l-Midja Oħra), tat-12 ta' Ġunju 1981, BGBl. Nr. 314/1981.

"Benedikt". Jidher – jew, tal-inqas, il-konvenuta ssostni – li l-qassis inkwistjoni huwa espert irrikonoxxut fil-qasam tal-mediċina erbali li apparentement kiteb għadd bla qies ta' artikli tal-gazzetta ta' dan it-tip u, fil-fatt, ippubblika kotba fuq dan is-suġġett ta' mediċina erbali. Il-konvenuta ssostni li b'hekk sa issa setgħet toqgħod fuq l-għarfien espert tiegħu u li din hija l-ewwel talba ta' dan it-tip li hija ltaqgħet magħha.

12. Ir-rikorrenti, VI, hija abbonata mal-Kronen-Zeitung. Hija ssostni li qrat l-artiklu u segwiet il-kliem tal-parir. Hija għaldaqstant poġġiet saff għerq il-mustarda kif kien spjegat fl-artiklu fuq il-ġog tal-għaksa tas-sieqha x-xellugija. Hija ħalliet il-faxxa għal madwar tliet sigħat u neħħietha biss malli bdiet tesperjenza uġigħ qawwi. Iż-żjut qawwija tal-mustarda li jinsabu fl-għerq il-mustarda kkawżaw reazzjoni ta' kuntatt tossika. Hija għaldaqstant ressqet talba għad-danni għal uġigħ u tbatija fis-somma ta' EUR 4 400 u dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli għal kull dannu fiżiku eżistenti u konsegwenzi futuri tal-inċident inkwistjoni.

13. It-talba tagħha ġiet miċħuda fl-ewwel istanza. Il-qorti tal-ewwel istanza, il-Bezirksgericht für Handelsachen, Wien (il-Qorti Distrettwali għall-Kwistjonijiet Kummerċjali ta' Vjenna, l-Awstrija) ikkonstatat li l-konvenuta kienet irranġat biex l-artiklu jinkiteb minn espert fil-qasam ta' mediċina erbali li kien ippubblika b'mod estensiv fuq is-suġġett. Il-konvenuta ma kellha l-ebda raġuni sabiex tivverifika t-testi miktuba minn dak l-espert. Peress li, barra minn hekk, l-awtur kien espert irrikonoxxut, il-qorti kkonstatat li dan ma setax jitqies bħala individwu li huwa abitwalment inkapaċi u lanqas bħala wieħed li għandu intenzjoni perikoluża fis-sens tal-paragrafu 1315 tal-Allgemeines bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili Ġenerali Awstrijak[5]).

14. Jekk, min-naħa l-oħra, l-artiklu oriġinali prodott mill-awtur kien korrett, iżda l-iżball daħal waqt il-proċess tal-produzzjoni, il-qorti ddeċidiet li l-konvenuta kienet responsabbli biss fejn kienet effettivament iggarantixxiet il-preċiżjoni tal-kontenut tal-pubblikazzjoni tagħha. Hija indikat li l-Kronen-Zeitung hija gazzetta "tabloid" li fiha l-informazzjoni kienet ippreżentata f'artikli qosra, miktuba b'mod divertenti, sempliċi u faċli li jinftiehmu. Dan l-artiklu ma jistax, għalhekk, jitqies bl-istess mod bħallikieku, pereżempju, kien ġie ppubblikat f'ġurnal xjentifiku.

15. Il-qorti kkonstatat ulterjorment li f'każ ta' dan it-tip, l-aspettattivi tal-qarrej huma differenti minn dawk ta' qarrej ta' artiklu xjentifiku jew ġurnal speċjalizzat jew xogħol li ma huwiex finzjoni. Għalhekk, peress li ma setax jiġi preżunt impenn għall-preċiżjoni tal-kontenut tal-artiklu, isegwi li l-konvenuta ma kinitx responsabbli għal ħin tat-trattament żbaljat indikat fl-artiklu. L-appell quddiem il-qorti tal-appell, il-Handelsgericht Wien (il-Qorti Kummerċjali ta' Vjenna, l-Awstrija), ġie miċħud għal raġunijiet proċedurali. Fost l-oħrajn, il-qorti tal-appell opponiet għal VI li għall-ewwel darba fil-kawża, invokat fatti insostenn ta' talba għal responsabbiltà mingħajr ħtija min-naħa tal-konvenuta.

16. Fuq appell quddiem l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema), l-argumenti bbażati fuq ir-responsabbiltà mingħajr ħtija tal-konvenuta taħt l-Att dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti jidher li saru iktar prominenti. Fid-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Jannar 2020, dik il-qorti ċaħdet l-argument li r-rekwiżiti għall-eżami ta' responsabbiltà mingħajr ħtija taħt l-Att dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti ma kinux għalhekk issodisfatti, minkejja li, fil-mori tal-proċeduri tal-ewwel istanza, ir-rikorrenti bbażat l-argumenti tagħha speċifikament fuq ir-responsabbiltà bbażata fuq ħtija tal-konvenuta.

[5] Id-dispożizzjoni tittratta r-responsabbiltà għall-atti ta' partijiet terzi.

17. Dik il-qorti sussegwentement ikkunsidrat l-argumenti għal responsabbiltà mingħajr ħtija taħt l-Att dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti u, b'estensjoni, taħt id-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti. Hija sostniet li xogħlijiet ippubblikati bħal kotba ta' gwida, manwali u mapep jinbiegħu għaliex il-konsumatur aħħari jistenna li jikseb istruzzjonijiet speċifiċi minnhom. Hija stqarret ulterjorment li, pereżempju, jekk riċetta fi ktieb jew f'gazzetta indikat b'mod ħażin l-ammont korrett ta' ingredjent partikolari b'mod li kien ta' dannu għas-saħħa umana, kien ikun anomalu li l-persuna li sofriet id-dannu titħalla mingħajr ebda rimedju taħt id-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti, filwaqt li jekk dik l-istess kwantità eċċessiva kienet ġiet miżjuda bi żball fi prodott ipproċessat lest mixtri minn konsumatur, dan il-konsumatur ikun jista' jħarrek lill-manifattur tal-prodott abbażi ta' responsabbiltà mingħajr ħtija abbażi tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti.

18. L-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) imbagħad identifikat dawk li hija qieset li kienu erba' argumenti kontra r-responsabbiltà għal informazzjoni żbaljata fil-kawżi ta' dan it-tip. L-ewwel, hija qieset li l-għan protettiv ta' responsabbiltà għall-prodott kien il-protezzjoni kontra l-perikolu ppreżentat minn oġġett u mhux fir-rigward ta' parir mogħti. It-tieni, prodotti intellettwali bħal artikli tal-gazzetti ma humiex "prodotti" għall-finijiet tal-Att dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti Awstrijak jew tal-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti, preċiżament għaliex ma humiex oġġetti fiżiċi bħala tali. It-tielet, kwalunkwe konnessjoni bejn responsabbiltà għall-prodott u l-produzzjoni ta' forom tanġibbli ta' informazzjoni tkun arbitrarja u għalhekk, informazzjoni għandha tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti. Finalment, hija qajmet tħassib dwar il-forom ta' responsabbiltà potenzjalment mingħajr limitu u miftuħin li jistgħu jitqajmu jekk il-kelma "prodott" fl-Artikolu 2 ta' dik id-direttiva tingħata tali interpretazzjoni wiesgħa.

19. L-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) finalment osservat li kieku d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà mingħajr ħtija tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti kellhom japplikaw f'kawża ta' dan it-tip, hija tqis li l-konvenuta tkun bħala prinċipju responsabbli, taħt l-Att dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti, għal kull dannu personali kkawżat lir-rikorrenti qarrejja minħabba li huma jkunu segwew il-parir żbaljat.

20. Fid-dawl tad-dubji tagħha fuq il-kwistjoni, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 2 flimkien mal-Artikoli 1 u 6 tad-Direttiva [85/374] [għandu jiġi interpretat] fis-sens li huwa wkoll prodott (difettuż) kopja fiżika ta' gazzetta ta' kuljum li fiha suġġeriment dwar is-saħħa teknikament skorrett, li l-konformità miegħu tikkawża ħsara lis-saħħa?"

21. Il-konvenuta, KRONE-Verlag, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

IV. Analiżi tad-domanda preliminari

22. Kif indikajt, id-domanda essenzjali għall-kunsiderazzjoni f'din il-kawża għall-finijiet tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari hija jekk proprjetarja ta' gazzetta tistax tinżamm responsabbli taħt id-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti fir-rigward ta' artiklu żbaljat

ta' dan it-tip [6]. Fil-fehma tiegħi, huwa perfettament ċar mil-lingwa, mill-għanijiet u mill-kuntest ta' dik id-direttiva li din tapplika biss għall-proprjetajiet fiżiċi ta' prodotti, u għalhekk ma tapplikax f'kawża ta' dan it-tip.

23. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni teħtieġ li, minbarra t-test tad-dispożizzjoni rilevanti – li, "skont il-prinċipji ta' interpretazzjoni tradizzjonali, huwa dejjem il-punt tat-tluq u, fl-istess ħin, il-limitu ta' kull interpretazzjoni" [7] – għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kuntest u l-għanijiet imfittxija mir-regoli li tifforma parti minnhom [8]. Jiena nipproponi għaldaqstant li l-ewwel inħares lejn it-test reali tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti u sussegwentement neżamina l-kuntest u l-għanijiet imfittxija minnha.

24. Billi nibda l-ewwel mil-lingwa reali tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti, jista' jiġi nnotat li l-Artikolu 1 tagħha jipprevedi li l-produttur għandu jinżamm "responsabbli għal ħsara kkawżata minn difett fil-prodott tiegħu". L-Artikolu 2 sussegwentement jiddefinixxi "prodott" bħala "il-mobbli kollha […] anke jekk magħquda f'mobbli jew f'immobbli oħra" [9]. L-Artikolu 3 jiddefinixxi "produttur" bħala "manifattur ta' prodott lest, il-produttur ta' kull materja prima jew il-manifattur ta' parti komponenti u kull persuna li billi tqiegħed isimha, l-marka tan-negozju tagħha jew fattur distintiv ieħor fuq il-prodott tippreżenta lilha stess bħala l-produttur tiegħu". L-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva jipprevedi ulterjorment li prodott ikun difettuż "meta ma jipprovdix is-sigurtà li persuna tkun intitolata li tistenna, waqt li tikkunsidra ċ-ċirkustanzi kollha, inkluż: (a) il-preżentazzjoni tal-prodott; (b) l-użu li għalih wieħed jista' raġjonevolment jistenna li jitqiegħed il-prodott; (c) iż-żmien meta l-prodott ikun tqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni". Il-lingwa hawnhekk tirrelata mal-produzzjoni tal-affarijiet fiżiċi u d-dannu mġarrab bħala riżultat ta' difett fiżiku f'dak il-prodott.

25. Xi kittieba legali ssuġġerew, madankollu, li prodott lanqas biss għandu jkun tanġibbli f'dan is-sens sabiex jikkwalifika bħala "prodott" fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti [10]. Dan jiftaħ il-possibbiltà li tkun ikkunsidrata *l-informazzjoni li*

[6] Il-kwistjoni jekk jistax ikun hemm jew għandux ikun hemm responsabbiltà taħt dispożizzjonijiet oħra tal-liġi Awstrijaka hija, ovvjament, tassew waħda separata u minħabba li din hija totalment kwistjoni għall-qorti tar-rinviju jiena naturalment ser noqgħod lura milli nesprimi kwalunkwe fehma fuq din il-kwistjoni separata. Tali responsabbiltà potenzjali kjarament ma hijiex eskluża mid-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti (ara l-premessa tlettax kif ukoll l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti).

[7] Ara għal dan il-għan il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak f'Agrana Zucker (C-33/08, EU:C:2009:99, punt 37).

[8] Ara, għal dan il-għan, pereżempju, is-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2014, Holger Forstmann Transporte (C-152/13, EU:C:2014:2184, punt 26) u tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:999, punt 47).

[9] Għall-ewwel, l-applikazzjoni tad-Direttiva 85/374 kienet limitata għall-"mobbli li kienu manifatturati industrijalment" (it-tielet premessa ta' din id-direttiva). Id-Direttiva 1999/34/KE neħħiet l-eċċezzjoni għal "prodotti primarji agrikoli" mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti u, skont il-premessa 8 tad-direttiva preċedenti kellha l-intenzjoni li tkopri "it-tipi kollha ta' prodotti", għalhekk testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva lil hinn minn sempliċement *prodotti li huma mmanifatturati industrijalment*. Dan huwa kkonfermat mill-applikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-Direttiva 85/374 għal prodott li kjarament ma kienx immanifatturat industrijalment fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Mejju 2001, Veedfald (C-203/99, EU:C:2001:258) li kienet tikkonċerna kawża fejn kilwa ġiet imlaħalħa qabel it-trapjant permezz ta' fluwidu ta' perfużjoni u dan il-fluwidu, immanifatturat fid-dispenserija tal-isptar, irriżulta li kien difettuż tant li l-kilwa saret mhux utilizzabbli għat-trapjant.

[10] Il-Kummissjoni targumenta li d-definizzjoni ta' "prodott" hija wiesgħa (għalkemm, fil-fehma tagħha għandu jkun "immanifatturat industrijalment"). Hija ssemmi li, filwaqt li paragrafu 3 tal-Att dwar ir-Responsabbiltà tal-Prodotti Awstrijak jiddefinixxi l-prodott bħala "kull proprjeta mobbli tanġibbli", il-kwalifika "tanġibbli" ma tinsabx fil-kliem tal-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti. L-elettriku huwa inkluż ukoll fil-kunċett ta' "prodott" permezz ta' dik id-dispożizzjoni, anki jekk dan ma huwiex tanġibbli. Din id-diskussjoni hija iżjed prevalenti meta jidħol softwer fejn anki t-trasferiment b'mezz tanġibbli sar rari u l-mod tas-soltu li jiġi ttrasferit preżentement huwa permezz ta' tniżżil (għal din l-opinjoni ara pereżempju Spindler, G., "Verschuldensunabhängige Produkthaftung im Internet", *Multimedia und Recht*, Ħarġa Nru 3, 1998, p. 119-124). Il-Kummissjoni fir-Rapport tagħha tad-19.2.2020 dwar l-implikazzjonijiet tas-sigurtà u tar-responsabbiltà tal-Intelliġenza Artifiċjali, tal-Internet tal-Oġġetti u tar-robotika, (COM(2020) 64 finali), p. 14 ma tidhirx li tasal sa dak il-punt *de lege lata*, kif hija tipproponi "Għalkemm id-definizzjoni ta' prodott skont id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti hija wiesgħa, l-ambitu tagħha jista' jiġi ċċarat iktar biex jirrifletti aħjar il-kumplessità tat-teknoloġiji emerġenti […]".

tinsab fil-gazzetta – pjuttost milli l-gazzetta bħala tali – li titqies bħala l-prodott. Fil-fehma tiegħi, madankollu, tali interpretazzjoni ma hijiex possibbli minħabba l-lingwa, l-għanijiet u l-kuntest ta' din id-direttiva.

26. Huwa minnu, ovvjament, li gazzetta konvenzjonali li hija ppubblikata b'mod tradizzjonali hija ħaġa fiżika u hija wkoll mobbli. Huwa forsi possibbli li jiġu immaġinati ċirkustanzi li fihom ix-xerrej ta' gazzetta reali ppubblikata jista' jsofri dannu personali jekk, pereżempju, huwa jweġġa' b'riżultat ta' stapler imqabbża jew possibbilment minħabba t-tossiċità tal-inka użata fil-proċess tal-istampar. L-essenza, madankollu, ta' din it-talba tirrigwarda allegat difett fil-kontenut *intellettwali* u mhux difett fil-prodott *fiżiku* bħala tali. Għalhekk, il-kwistjoni reali f'dan il-każ hija servizz, mhux prodott.

27. Ma huwiex, pereżempju, issuġġerit li l-gazzetta bħala tali korriet lil VI: iktar kien dannu li kkawżat hija nnifisha wara li segwiet parir żbaljat li ġie ppubblikat f'din il-gazzetta. Id-domanda għalhekk tirrigwarda jekk prodott tanġibbli li jkun fih tali parir żbaljat jistax jitqies bħala "difettuż" fis-sens li fih din u kliem simili ieħor huma użati fid-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti.

28. Ma hemm xejn li jissuġġerixxi li l-gazzetta kienet difettuża minħabba dawk li jistgħu jissejħu l-"proprjetajiet esterni" tagħha. Xi kittieba legali jargumentaw li l-mezz tanġibbli ma jistax jiġi sseparat għal dan il-għan mill-kontenut reali tiegħu. Għaldaqstant, huwa ssuġġerit li s-sistema ta' responsabbiltà mingħajr ħtija li toħroġ mid-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti għandha tiġi applikata għal difetti fil-prodott *qua* prodott kif ukoll għall-kontenut intellettwali tiegħu [11]. L-argumenti tagħhom li jsostnu din il-fehma huma primarjament ibbażati fuq l-għan tal-leġiżlazzjoni dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti, li huwa li jipproteġi lill-konsumaturi. Huma jargumentaw ulterjorment li hemm sitwazzjonijiet koperti mid-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti li għandhom xebh kbir ma' sitwazzjonijiet li jinvolvu informazzjoni żbaljata li twassal għal ħsara fuq il-persuna. Eżempju wieħed huwa s-sitwazzjoni li fiha prodott li suppost għandu jwissi lin-nies dwar perikolu partikolari – bħal, pereżempju, allarm tad-duħħan – ma jaħdimx b'mod korrett. In-nuqqas tat-twissija jipprekludi lin-nies milli jieħdu azzjoni korrettiva (billi, pereżempju, jaħarbu minn bini li qiegħed jinħaraq) li sussegwentement iwassal sabiex issirilhom ħsara [12]. Dawn il-kummentaturi jaraw parallel simili ma' każijiet li fihom il-manwal tal-istruzzjonijiet ta' prodott fih informazzjoni żbaljata. Kif huwa fil-każ ta' informazzjoni żbaljata pprovduta fuq mezz stampat, il-perikolu f'dak il-każ ma jirriżultax mill-kwalità fiżika tal-prodott, iżda iktar mill-fatt li l-qarrejja jsegwu l-istruzzjonijiet (żbaljati) li jinsabu fih.

29. Min-naħa tiegħi, madankollu, ma nħossnix persważ minn dawk l-argumenti. Il-kliem tal-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti kjarament jirrelata l-iżball ma' difett fil-prodott innifsu fis-sens tal-Artikolu 2 tagħha. Barra minn hekk, l-Artikolu 1 ta' din id-direttiva ma jipprevedix għal responsabbiltà mingħajr ħtija għal sempliċi parir. Minflok,

[11] Għal eżempji ta' dan l-approċċ, ara, Foerste, U. u Graf von Westphalen, F., (edituri), *Produkthaftungshandbuch*, it-tielet edizzjoni, Beck, Munich, 2012, p. 815, punt 47 subparagrafu 16; Cahn, A., "Produkthaftung für verkörperte geistige Leistungen", *Neue Juristische Wochenschrift*, Beck, 1996, p. 2899 sa 2905, p. 2901 sa 2903; Meyer, A., "Die Haftung für fehlerhafte Aussagen in wissenschaftlichen Werken", *Zeitschrift für Urheber- und Medienrecht*, Ħarġa Nru 3, 1997, p. 26 sa 34. Għal fehma opposta għal dan l-approċċ, ara, Günther, A., *Produkthaftung für Informationsgüter*, Otto Schmidt Verlag, Cologne, 2001, p. 623 sa 627. Dawn l-awturi kollha jiddiskutu d-dritt Ġermaniż dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti. Dan id-dritt Ġermaniż jimplimenta d-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti, għalkemm il-kwistjonijiet diskussi ma humiex speċifiċi għall-implimentazzjoni Ġermaniża.

[12] Eżempju ieħor huwa l-ħsara f'apparat dijanjostiku jekk dik il-ħsara tfisser li kundizzjoni medika tibqa' mhux iddijanjostikata u b'hekk mhux ittrattata.

ir-responsabbiltà għandha tirrelata mat-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni ta' prodott [13]. Dan jirrikjedi relazzjoni kawżali diretta bejn id-difett fil-prodott u d-dannu fuq il-persuna li sofriet danni, li għadha tinsab preżenti fil-każijiet deskritti fil-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet, filwaqt li ma hemm l-ebda relazzjoni mal-prodott fil-każ ta' parir żbaljat f'gazzetta [14]. Dan ifisser ukoll li din id-direttiva ma tapplikax għal servizzi [15].

30. Filwaqt li jista' jkun korrett li jingħad li huwa dejjem iżjed diffiċli ssir distinzjoni bejn prodotti u servizzi minħabba l-avvanzi teknoloġiċi [16], madankollu tali evalwazzjoni, li tista' twassal lill-korp leġiżlattiv sabiex jaġixxi, ma tippermettix l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti lil hinn miċ-ċirkustanzi li fihom, meta tittieħed inkunsiderazzjoni l-lingwa ċara tagħha, hija tapplika attwalment. Dan huwa partikolarment minnu għaliex l-estensjoni tal-applikazzjoni tagħha għall-każijiet ta' informazzjoni li tinsab fi prodott mobbli twassal għal inkonsistenzi oħra. Għalfejn, pereżempju, ikun hemm responsabbiltà mingħajr ħtija għal informazzjoni li tinsab f'pubblikazzjoni iżda mhux għal parir mogħti fuq ir-radju jew fuq it-televiżjoni? [17]

31. Fil-fehma tiegħi, minkejja dan, huwa madankollu perfettament ċar mil-lingwa, mill-kuntest u mill-għanijiet tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti li r-riferiment għal "prodott" f'din id-direttiva huwa ristrett għal oġġett tanġibbli. Dan huwa, essenzjalment, għalfejn din it-talba ma tistax tirnexxi, tal-inqas sa fejn hija kkonċernata d-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti, preċiżament għaliex ma tikkonċernax dannu li jirriżulta minn difett fiżiku li jinsab fi prodott.

32. Dan jirriżulta wkoll minn kunsiderazzjoni tal-għanijiet u tal-kuntest tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti. Proprju l-ewwel premessa għal dik id-direttiva tagħmilha ċara li din kienet miżura ta' armonizzazzjoni "dwar ir-responsabbiltà tal-produttur għall-ħsara kkawżata mid-difetti tal-prodotti tiegħu" u li din il-miżura kienet meħtieġa għaliex id-"diverġenzi preżenti jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-moviment tal-prodotti fis-suq komuni u jinvolvu livell differenti ta' protezzjoni tal-konsumatur kontra ħsara kkawżata minn prodott difettuż għal saħħtu jew lil proprjetà tiegħu". Dan huwa kjarament dirett lejn oġġetti tanġibbli biss u, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha okkażjoni sabiex issostni: "id-delimitazzjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni huma r-riżultat ta' proċess ta' evalwazzjoni kumplessa mwettqa, b'mod partikolari, bejn dawn id-diversi interessi" [18].

[13] Ara, *a contrario*, l-Artikolu 7(a) tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti li jeżenta lil produttur mir-responsabbiltà jekk huwa ma jkunx poġġa l-prodott fiċ-ċirkulazzjoni. Ara wkoll, Oechsler, J., *J. von Staudingers Kommentar zum Bürgerlichen Gesetzbuch mit Einführungsgesetz und Nebengesetzen*, edizzjoni rriveduta 2018, de Gruyter, Berlin, punt 2 ProdHaftG, paragrafu 78, għal darba oħra fir-rigward tal-Produkthaftungsgesetz (l-Att Ġermaniż dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodott).

[14] Ara, għal dan il-għan, Günther, A., *Produkthaftung für Informationsgüter*, Verlag Dr Otto Schmidt, Köln, 2001, p. 650 u 651, li jiddistingwi bejn "Instruktionshaftung" (responsabbiltà għall-istruzzjoni) u "Informationshaftung" (responsabbiltà għall-informazzjoni).

[15] Il-Kummissjoni diġà qalet fil-Green Paper tagħha Responsabbiltà għall-prodotti difettużi (COM (1999) 396 finali), p. 7 li: "servizzi difettużi ma humiex koperti mid-Direttiva 85/374/KEE". Dan huwa konformi mal-fatt li hija kienet ipproponiet Direttiva tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà tal-forniturі ta' servizzi (COM (90) 482 finali) (ĠU 1991, C 12, p. 8). L-abbozz kien iżjed tard ġie rtirat (COM (94) 260 finali). Punt 2.8 tal-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ir-Responsabbiltà tal-forniturі ta' servizzi" (ĠU 1991, C 269, p. 40) juri partikolarment sewwa l-problemi li tali direttiva jista' jkollha: "meta wieħed jeżamina din il-proposta huwa ċar li l-implimentazzjoni tagħha twaqqaf kull riċerka u innovazzjoni fl-oqsma ta' attività tal-professjonijiet liberali. Din twassal għal mediċina difensiva, konsultazzjoni legali, kummerċjali u fiskali difensiva, u xogħol ta' konsultazzjoni minn periti, inġiniera u kuntratturi tal-bini difensiv. Dan ma kienx l-għan li l-konsumaturi kellhom f'moħħhom".

[16] Dan ġie wkoll diskuss fir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Rapport dwar l-implikazzjonijiet tas-sigurtà u tar-responsabbiltà tal-Intelliġenza Artifiċjali, tal-Internet tal-Oġġetti u tar-robotika (COM (2020) 64 final), p. 13 u 14.

[17] Ara wkoll *Münchener Kommentar zum BGB*, it-tmien edizzjoni, 2020, punt 2 *ProdHaftG*, paragrafu 19 kif ukoll Ulmer-Eilfort, C., u Obergfell, E.-I., *Verlagsrecht*, it-tieni edizzjoni, Beck, C.H. 2020, paragrafu 1036.

[18] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Dutrueux (C-495/10, EU:C:2011:869, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33. Dan kollu huwa enfasizzat mill-premessi l-oħra. Għalhekk, pereżempju, it-tielet premessa tiddikjara li responsabbiltà mingħajr ħtija "għandha tapplika biss għall-mobbli li kienu manifatturati industrijalment". Għalkemm, hekk kif ġie stabbilit fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru 9 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-portata tad-dispożizzjoni ġiet sussegwentement estiża lil hinn mill-portata ta' prodotti *mmanifatturati industrijalment*, ma hemm l-ebda riferiment għal sempliċi informazzjoni jew parir li huma koperti mid-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti. Ir-raba' premessa tiddikjara ulterjorment li protezzjoni effettiva tal-konsumaturi tirrikjedi li "l-produtturi involuti kollha fil-proċess ta' produzzjoni għandhom jinżammu responsabbli, kemm-il darba l-prodott finalizzat, parti komponenti jew kull materja prima tagħhom fornuta minnhom kienet difettuża […]". Is-sitt premessa tiddikjara li sabiex jipproteġi "l-benesseri fiżiku u l-proprjetà tal-konsumatur, id-difett fil-prodott għandu jiġi stabbilit b'riferenza mhux għal kemm huwa adattat biex jintuża imma għan-nuqqas ta' sigurtà li l-pubbliku in ġenerali huwa intitolat li jistenna […]". Ir-riferiment għal "nuqqas ta' sigurtà" jista' għal darba oħra jitqies biss, fid-dawl tal-kuntest, bħala riferiment għal prodott tanġibbli li huwa probabbli li jikkawża dannu.

34. Dan il-materjal kuntestwali kollu jservi sempliċement sabiex isaħħaħ il-konklużjoni li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti jikkonċerna s-sigurtà ta' prodotti fiżiċi biss u l-għan prinċipali tagħha huwa li tipprovdi rimedju fuq bażi ta' responsabbiltà mingħajr ħtija fejn tali prodotti jkunu nstabu li huma difettużi. Li kieku kien mod ieħor, kien ikun hemm triq potenzjalment miftuħa għal firxa ta' talbiet taħt id-direttiva li jirrigwardaw, essenzjalment, il-provvisti difettużi jew negliġenti ta' servizzi. Dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, il-pariri bil-miktub ippreparati minn kontabilista jew minn avukat jew rapport mediku ppreparat bil-miktub, anki jekk f'tali ċirkustanzi jkun totalment artifiċjali li jiġi argumentat, pereżempju li billi ġie ffirmat tali rapport il-professjonist ikkonċernat "tippreżenta lilha stess" jew lilu stess bħala l-"produttur" ta' "prodott lest" sabiex tkun/ikun "produttur" għall-finijiet tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti[19].

35. Kif, barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju nnifisha tidher li tissuġġerixxi fil-paragrafu 4.2 tat-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, l-impożizzjoni tar-responsabbiltà taħt id-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti f'tali każ tista' wkoll tesponi lil fornituri ta' servizz għal responsabbiltà mingħajr ħtija potenzjalment miftuħa għal klassi kbira ta' rikorrenti possibbli[20]. Ikun diffiċli li tiġi evitata l-konklużjoni li l-impożizzjoni ta' responsabbiltà mingħajr ħtija għalhekk iġġib żnaturament fil-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti li, kif rajna iktar 'il fuq u kif il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat f'Dutrueux[21], kienet ir-riżultat ta' proċess ta' evalwazzjoni kumplessa ta' diversi interessi.

36. Tali konklużjoni tista' twassal ukoll għal sitwazzjoni fejn aspett ieħor għal darba oħra ta' ppubblikar fil-gazzetta jsir mimli b'diffikultajiet legali mhux tas-soltu. Ħafna gazzetti – mill-iżjed serji sal-iżjed popolari – jipprovdu lill-qarrejja artikli ta' dan it-tip, fejn pariri jingħataw minn awturi tal-gazzetta fir-rigward ta' varjetà ta' kwistjonijiet, inklużi dawk mediċi, legali, ta' xogħol fil-ġonna, ta' trobbija tal-ulied u ta' problemi personali. Jekk gazzetta tkun tista' ssir responsabbli fuq bażi ta' responsabbiltà mingħajr ħtija għal parir dgħajjef jew difettuż li kkawża dannu personali (mingħajr preġudizzju għal-limiti li jinsabu fl-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti) jew dannu fuq il-proprjetà, dan iġib perikolu ġdid għall-pubblikaturi, li kif semmiet

[19] Ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna numru 15 ta' dawn il-konklużjonijiet li tikkwota l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ir-Responsabbiltà ta' fornituri ta' servizzi (ĠU 1991, C 269, p. 40).

[20] Ara l-kummenti famużi ta' twissija ta' Cardozo C.J., f'Ultramares Corporation vs Touche 174 NE 441 (1931) bl-effett li l-liġi għandha tevita l-prospett ta' responsabbiltà potenzjali "f'ammont indeterminat għal żmien indeterminat lil klassi indeterminata".

[21] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011 (C-495/10, EU:C:2011:869, punt 22).

il-konvenuta fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, jista' jkollu implikazzjonijiet serji f'termini prattiċi fuq il-libertà tal-istampa kif protetta mill-Artikolu 11(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (u, b'estensjoni, mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem). Dan kollu huwa sabiex jingħad li kieku d-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti kienet intiża biex jinkiseb tali riżultat, wieħed kien jistenna li dan kien jiġi espress f'termini ċari b'mod trasparenti u inekwivokabbli. Il-fatt waħdu li dik id-direttiva hija silenzjuża b'mod dirett fuq dan is-suġġett huwa bil-mod elokwenti tiegħu xhud tal-fatt li l-impożizzjoni ta' tali responsabbiltà f'tali ċirkustanzi qatt ma kienet intiża mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

37. Għandu jiġi enfasizzat, madankollu, li domandi dwar responsabbiltà għal tort u negliġenza professjonali f'kawżi ta' dan it-tip huma rregolati mid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri individwali. Qatt ma kienet l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li dawn għandhom jiġu armonizzati b'dan il-mod, wisq inqas li talbiet ta' dan it-tip għandhom jidħlu fis-sistema ta' responsabbiltà mingħajr ħtija tad-Direttiva għar-Responsabbiltà għall-Prodotti permezz ta' interpretazzjoni artifiċjali u espansiva tal-kliem tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà sostniet li din id-direttiva ma hijiex intiża biex tarmonizza b'mod eżawrjenti l-isfera tar-responsabbiltà għal prodotti difettużi lil hinn mill-kwistjonijiet irregolati minnha [22].

38. Filwaqt li huwa minnu li l-punt imqajjem hawnhekk huwa wieħed ġdid, għandu jingħad li ma jsib l-ebda sostenn f'xi ġurisprudenza eżistenti li tikkonċerna d-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi sa issa. Forsi l-iżjed każ viċin huwa d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Dutrueux [23]. F'dan il-każ, tifel żgħir sofra ħruq waqt operazzjoni li saret fi sptar. Il-ħruq kien, madankollu, ikkawżat minn difett fis-sistema ta' regolazzjoni tat-temperatura tas-saqqu li jsaħħan li fuqu huwa kien tpoġġa waqt l-intervent kirurġiku. L-isptar kien sempliċement uża s-saqqu li kien akkwista minn fornitur tal-isptarijiet.

39. Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ddeċidiet li: "tali utent ma jistax jitqies bħala parteċipant fil-katina ta' manifatturazzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodott inkwistjoni […]" għall-finijiet tal-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti [24]. Minn dan isegwi li l-isptar kien sempliċement fornitur ta' servizzi mediċi għal dan il-għan u fejn tali fornitur "juża apparat jew prodotti difettużi li huwa ma huwiex il-produttur tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tad-[Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti] u b'dan il-mod, jikkawża danni lill-benefiċjarju tal-provvista", imbagħad ir-responsabbiltà tal-fornitur tas-servizz "ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva" [25].

40. Huwa ċar, għalhekk, mill-kawża Dutrueux [26] li responsabbiltà fir-rigward tal-provvista ta' servizzi li hija separata mill-prodott fiżiku difettuż ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti. F'dan il-każ, jekk xejn, id-dikjarazzjoni hija iktar dgħajfa għaliex, sabiex nirrepeti dak li diġà ntqal, għall-kuntrarju tas-sitwazzjoni f'dak il-każ, ma kien hemm xejn difettuż fir-rigward tal-prodott fiżiku *qua* prodott.

[22] Ara s-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Moteurs Leroy Somer (C-285/08, EU:C:2009:351, punti 24 u 25) u tal-21 ta' Diċembru 2011, Dutrueux (C-495/10, EU:C:2011:869, punt 21).

[23] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011 (C-495/10, EU:C:2011:869).

[24] *Ibid*., punt 28.

[25] *Ibid*., punt 39.

[26] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011 (C-495/10, EU:C:2011:869).

41. Billi nressaq dawn il-fili interpretattivi flimkien, nista' biss nikkonkludi li talba ta' dan it-tip taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti. Hija essenzjalment kawża fir-rigward ta' provvista ta' servizz – parir lil konsumaturi li jinsab f'artiklu ta' gazzetta – li ma tikkonċernax gazzetta *qua* prodott fiżiku. Għalhekk ma jistax jingħad li kull dannu fiżiku li VI sofriet kien riżultat ta' difett fi prodott kif dak it-terminu jintuża fid-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti.

V. Konklużjoni

42. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda preliminari magħmula mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) kif ġej:

L-Artikolu 2 flimkien mal-Artikolu 1 u mal-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jfisser li kopja fiżika ta' gazzetta ta' kuljum li fiha suġġeriment dwar is-saħħa teknikament skorrett li, meta jiġi segwit, jikkawża ħsara lis-saħħa tista' wkoll titqies bħala "prodott difettuż" fis-sens ta' din id-direttiva.